# Fir-Raħal Fejn Ġejt 'Mgħammed Jien

Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien,
Taħt tagħna l-Patruna l-ħarsien,
Tul is-snin ġrajjiet seħħew, li fuqna ħallew,
It-timbru mmarkat.

Ħallew memorji li qatt ma ninsew,
Ta' nies qalbiena li qatt ma ċedew,
Li magħqudin demmhom ċarċru,
Biex lir-raħal iddefendew.

U ta' Żurrieqi li jien, Patruna ndur lejk,
Nitolbok iżżomna taħt ħarset għajnejk,
Sabiex sliem isaltan kemm itul iż-żmien,
Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien.

F'dar-raħal imżejjen bil-ġmiel,
Bħal warda li qatt ma titbiel,
F'kull rokna tifkira ssib, memorji ġġib,
Quddiem dawk għajnejk.

Tibda tgħid hemmekk kont ġrejt u waqajt,
Hemmekk fil-festa mal-kor kemm kont kantajt,
U hemmekk kien l-ewwel darba,
Li imħabbet qalbi kont rajt.

U ta' Żurrieqi li jien, Patruna ndur lejk,
Nitolbok iżżomna taħt ħarset għajnejk,
Sabiex sliem isaltan kemm itul iż-żmien,
Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien.

Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien,
Kemm fraħna w' kemm bkejna flimkien,
F'waqtiet li lilna paxxew, f'oħrajn li bikkew,
'L uliedek Katrin

Kont magħna waqt tas-suċċessi l-kisbiet,
Hemm kont x'ħin b'sogħba ġarrabna t-telfiet,
Ta' ħutna li ħabbewk dejjem ,
Li lilhom stennejt fis-smewwiet.

U ta' Żurrieqi li jien, Patruna ndur lejk,
Nitolbok iżżomna taħt ħarset għajnejk,
Sabiex sliem isaltan kemm itul iż-żmien,
Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien.

U ta' Żurrieqi li jien, Patruna ndur lejk,
Nitolbok iżżomna taħt ħarset għajnejk,
Sabiex sliem isaltan kemm itul iż-żmien,
Fir-raħal fejn ġejt 'mgħammed jien.
Fiż-Żurrieq fejn ġejt 'mgħammed jien.

Mark Tonna
21/08/2008